KUNSILL LOKALI
BIRŻEBBUĠA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa**

**8 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa Numru 71**

**L-Erbgħa 25 t'Ottubru 2023**

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: Dar Birżebbuġa, Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-18:00.

**PREŻENTI**:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Scott Camilleri | Sindku |
| Is-Sa | Josette Busuttil | Viċi Sindku |
| Is-Sur | Joseph Farrugia | Kunsillier |
| Is-Sur | Alex Caruana | Kunsillier |
| Is-Sur | Simon Buttigieg | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sa | Maria Mifsud | Kunsilliera |
| Is-Sa | Doriana Portelli | Kunsilliera |
| Is-Sur | Johann Borg | Kunsillier |

**ASSENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Carlo Stivala | Kunsillier |

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur | Jordy Brincat | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sa | Doreen Mintoff | Accountant tal-Kunsill Lokali |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

*Is-seduta tal-lum kienet skedata li tibda fil-17:30, però ma kienx hemm qworum bejn il-kunsilliera. Fil-17:30 kien hemm preżenti s-Sindku Scott Camilleri, il-Viċi Sindku Josette Busuttil u l-kunsilliera Joseph Farrugia u Alexander Caruana. Is-seduta bdiet fis-18:00 xħin daħal il-Kunsillier Simon Buttigieg.*

**71.01 Qari tal-ittri t'apoloġija**

**71.01.01** Il-Kunsilliera Maria Mifsud bagħtet ittra sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' safar. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**71.01.02** Il-Kunsillier Johann Borg bagħat ittra sabiex jiġi skużat mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**71.01.03** Il-Kunsilliera Doriana Portelli bagħtet ittra sabiex tiġi skużata mis-seduta tal-lum minħabba raġunijiet ta' saħħa. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**71.01.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li mingħand il-Kunsillier Carlo Stivala ma rċieva l-ebda korrispondenza. Qal ukoll li iżjed kmieni matul din il-ġimgħa informa lill-Ministru għall-Gvern Lokali u kif ukoll lid-Direttur Ġenerali, sabiex jara hemmx xi direzzjoni min-naħa ta' dawk ikkonċernati. S'issa jidher li ma hemm xejn.

**71.02 Approvazzjoni tal-minuti (Seduta 70)**

**71.02.01** Ma kien hemm l-ebda korrezzjonijiet fuq il-minuti ta' Seduta 70.

**71.02.02** Fuq proponiment tal-Viċi Sindku Josette Busuttil, u sekondat mill-Kunsillier Simon Buttigieg, il-minuti ġew approvati unanimament.

**71.03 Arising mill-minuti (Seduta 70)**

**71.03.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar punt 70.04.05, rigward il-kwotazzjoni tal-cold asphalt, daħlu lmenti dwar il-kwalità tax-xogħol li sar. L-ilment ġie mgħoddi lil Public Works. Min-naħa tagħhom wieġbu li dan sar bl-aħjar mod possibbli fiċ-ċirkostanzi li jinsabu fihom it-toroq.

**71.03.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar punt 70.10.01, rigward l-assenjar ta' ħaddiema mill-iskola għal mal-kunsill, ġejna infurmati mid-diviżjoni tal-edukazzjoni li dan it-trasferiment issa ma jistax isir.

**71.03.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar punt 70.13.04, biex ikun hemm tindif u tiswija tal-kurduna fi Triq il-Qajjenza, hu ressaq it-talba u proposta lis-Sur Steve Ellul ta' Project Green sabiex issir laqgħa miegħu ħalli jsir xi tip ta' proġett f'din il-parti tal-lokal.

**71.03.04** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar punt 70.13.07, biex isiru tabelli biswit l-ibins ħalli ma jitpoġġiex skart barra mill-ibins, it-tabelli ġew ordnati u se jitwaħħlu ma' kull sett ta' ibins fil-lokal. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil irrimarkat li jekk

persuna taqla' multa għall-ewwel darba u terġa' twettaq reat ieħor, il-multa se togħla għal €650.

**71.03.05** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li punt 70.13.13, rigward it-traffic management madwar Ġnien l-Indipendenza, se jkun qed jiġi diskuss aktar tard mill-Kunsillier Alex Caruana.

**71.03.06** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li dwar punt 70.17.01, rigward il-pannelli solari ta' fuq il-bejt, issa d-dokumenti neċessarji huma lesti u jinsabu għand l-Enemalta sabiex jibda l-proċess tat-tneħħija tal-pannelli preżenti, li mhumiex vijabbli għall-ammont ta' ħsara li fihom.

**71.03.07** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar punt 70.13.12, rigward il-mirja fi Triq Tal-Ġebel. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat irrisponda li fil-jiem li ġejjin se jmur hu stess mal-foreman sabiex jara liema minn dawn il-mirja jservu għal daħliet komunali ta' diversi residenti u sidien tal-għelieqi.

## 71.04 Approvazzjoni ta' kwotazzjonijiet

**71.04.01** *<u>Pajpijiet għall-fustun tal-Milied:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li kien hemm talba għall-kwotazzjoni sabiex jinxtraw 10 pajpijiet tal-metall, 20 bracket tal-ħadid u 40 robolt tal-istainless steel. Ġie spjegat li dawn il-pajpijiet se jeħlu wara l-fanali tad-dawl biex magħhom jitwaħħal il-fustun. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: Ċ, li tiswa €503. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**71.04.02** *<u>6 siġriet tal-palm:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinxtraw 6 siġriet tal-palm għal fejn hemm konki tal-palm vojta. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba daħlet kwotazzjoni waħda: dik B, li tiswa €177. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**71.04.03** *<u>5 bibien ta' ġewwa għall-uffiċċju:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li matul l-aħħar seduta sar qbil li tiżdied is-sigurtà fl-uffiċċju ta' fuq u ħadna ħsieb li niġbru l-kwotazzjonijiet għal bibien ġodda li huma siguri. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: B, li tiswa €1,885 inkluż l-installazzjoni. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**71.04.04** *<u>2 litter bins bis-separazzjoni tal-iskart għall-bandli:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li matul l-aħħar seduta sar qbil sabiex jinġiebu kwotazzjonijiet għal bins li jkollhom żewġ fetħiet fejn jiġi separat l-iskart. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti ġie maqbul biex dawn ma jinxtrawx u mmorru għal bins li jkollhom 4 fetħiet flok 2, sabiex in-nies jisseparaw l-iskart bħalma jagħmlu fid-djar tagħhom.

**71.04.05** *<u>2 nappy changers għal-latrini:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn jinxtraw 2 nappy changers biex isiru fil-latrini l-ġodda ta' Wied il-Buni. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: B, li tiswa €558. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

**71.04.06** *<u>Tiswija tal-air conditioner tal-boardroom:</u>* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li dwar it-tiswijiet tal-air conditioner tal-boardroom ġie t-technician tal-

kumpanija minn fejn inxtara u qal li hemm bżonn jinbidlu l-motherboards, li l-ispiża hija ta' €420, apparti xi parts oħra li jkollhom bżonn jinbidlu. Dawn ma jinkludux l-ispejjeż tal-labour. Wara diskussjoni bejn dawk preżenti, ġie maqbul li l-air conditioner ma jissewwiex u mmorru għax-xiri ta' wieħed ġdid.

**71.04.07** *2 air conditioners ġodda għall-binja tal-Kunsill:* Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li hemm bżonn li jinxtraw 2 air conditioners ġodda għall-binja. L-ewwel wieħed huwa għall-boardroom, wara li ġie maqbul li ma jiġix imsewwi dak li hemm fil-preżent, u l-ieħor għas-server room li se jkollna fit-tielet sular. Minn tliet kwotazzjonijiet mitluba ntgħażlet l-orħos kwotazzjoni: A, għall-prezz ta' €1,150 għal air conditioner 24000BTU, u €550 għal air conditioner 12000BTU, inkluż l-installazzjoni. Din ġiet approvata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 71.05 Skeda ta' pagamenti u petty cash

*Skeda ta' pagamenti:*

**71.05.01** Is-Sindku Scott Camilleri għamel nota dwar numru 51. Hu rrimarka li dwar dan il-punt hu għandu konflitt t'interess minħabba relazzjoni familjari.

*Petty cash:*

**71.05.02** Ma kienx hemm mistoqsijiet dwar il-petty cash.

Fuq proponiment tal-Kunsillier Simon Buttigieg, u sekondat mill-Kunsillier Alex Caruana, il-kunsilliera preżenti kollha qablu b'vot unanimu dwar l-iskeda tal-pagamenti u l-petty cash.

## 71.06 Komunikazzjoni mis-Sindku

**71.06.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li flimkien mal-konsulent ambjentali tal-Kunsill Lokali Dr Alexander Borg Galea, attendew għal-laqgħa mal-uffiċjali tal-fabbrika tal-impjant tal-ħut. Dan sabiex jaraw jekk l-investiment li sar, rigward il-kontroll tal-kwalità tal-arja u sistema tal-ilma ġdida, hux se jaffettwaw pożittivament lir-residenti. Bħalma jafu, inħolqot sistema ta' rappurtaġġ dwar xamm tal-irwejjaħ. Matul il-ġimgħa li għaddiet kien hemm iżjed minn 80 rapport dwar diversi rwejjaħ u l-ERA waqqfet l-operat tal-impjant minħabba li nstabu diversi nuqqasijiet.

**71.06.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li wara li l-ġimgħa l-oħra hu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat iltaqgħu informalment mad-diriġenti ta' Malta Freeport, fejn tkellmu dwar il-multi-storey car park u kif ukoll ġie ffirmat il-ftehim bejn iż-żewġ partijiet. Issa qed jistennew il-ġurnata tal-ftuħ ta' dan il-parkeġġ, hekk kif għad baqa' xi permessi min-naħa tal-Awtorità tal-Ippjanar, biex ikun jista' jibda jintuża mill-pubbliku inġenerali. Fil-preżent dan se jkun immexxi mill-Freeport.

**71.06.03** Is-Sindku Scott Camilleri ta aġġornament dwar il-berġa. Issa l-commencement notice marbuta max-xogħlijiet ħarġet u x-xogħlijiet meħtieġa se jitkomplew.

## 71.07 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

**71.07.01** Ma kienx hemm mozzjonijiet u rakkomandazzjonijiet.

## 71.08 Rapport tax-xogħlijiet mill-Contracts Manager (Settembru-Ottubru 2023)

**71.08.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat ippreżenta rapport li jiġi mħejji mill-contracts manager tal-Kunsill minn seduta għall-oħra.

**71.08.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li f'dan ir-rapport hemm il-materja marbuta mal-ġbir tal-bulky refuse. Hu qal li flimkien mal-contracts manager u żewġ impjegati tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa, fit-18 t'Ottubru 2023 kellhom laqgħa mas-Sur Twanny Barun il-kuntrattur, fejn infurmawh bid-deċiżjoni tal-Kunsill u kif se jkunu qed jitterminaw il-kuntratt sabiex ma jbati ħadd. Ġara li ftit jiem qabel, l-istess kuntrattur, permezz ta' SMS fuq il-mobile personali tas-Segretarju Eżekuttiv, informah li hu jrid li jwaqqaf il-kuntratt minn mal-Kunsill b'effett immedjat. Waqt din il-laqgħa l-kuntrattur iffirma ftehim li fih qed iwaqqaf il-kuntratt mill-għada, il-Ħamis 19 t'Ottubru. Ġara li issa l-Kunsill spiċċa mingħajr kuntrattur u għalhekk sabiex tinstab soluzzjoni fl-immedjat u biex iċ-ċittadin ikollu s-servizz, is-Segretarju Eżekuttiv tkellem mal-kuntrattur tat-tipper truck biex jiġbor il-bulky hu sakemm jinstab kuntrattur ieħor u jinħareġ it-tender mill-ġdid. Ryan Camilleri tat-tipper truck offra li jagħti dan is-servizz b'mod temporanju għall-prezz ta' €4.50 kull dar, u qed jiġbor sa tliet affarijiet minn 15-il dar. Il-kunsilliera preżenti qablu li għalissa naħdmu b'dan is-servizz sakemm jinġiebu l-kwotazzjonijiet kollha u noħorġu din is-sejħa mill-ġdid.

**71.08.03** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-Contracts Manager Dr Alessia Psaila Zammit qed tipprova tagħmel kuntatt mal-kumpanija GEB sabiex titnaddaf il-landscape u tingħata dehra ġdida l-ġnien ta' ħdejn il-kappella ta' San Ġorġ.

## 71.09 Korrispondenza

**71.09.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li grupp ta' żgħażagħ li jipprattikaw l-isports tal-cricket talbu li jiġu affiljati mal-isem ta' Birżebbuġa. Dawn se jilagħbu fil-league tal-cricket tan-nisa. L-isem ta' din l-iskwadra se jkun 'Birżebbuġa Island Warriors'. Il-Kunsillier Alex Caruana staqsa jekk din hix se tkun qed tiswa xi flus lill-Kunsill. Is-Sindku Scott Camilleri qal li din mhi se tiswa xejn lill-Kunsill. Il-kunsilliera preżenti kollha qablu ma' din il-proposta.

**71.09.02** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li l-Kunsill irċieva korrispondenza mill-Awtorità tal-Ippjanar dwar l-applikazzjoni PC22/23 fi Triq il-Qajjenza, kantuniera ma' Triq l-Għannejja. Hu flimkien mas-Sindku Scott Camilleri diġà tkellmu mal-konsulent ambjentali tal-Kunsill Dr Alexander Borg Galea sabiex jibda jaħdem fuqha fl-immedjat. Mir-riċerka li għamilna sibna li dan is-sit hu parti mir-rationalisation area. Dan ifisser li kemm is-sidien tal-art, li f'dan il-każ huma l-Enemalta u anke l-entità privata, jistgħu japplikaw għal żvilupp f'din iż-żona. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat hawn qara s-sottomissjoni li se tkun qed tiġi mibgħuta lill-Awtorità tal-Ippjanar f'isem il-Kunsill: Is-sottomissjoni se tkun hekk. *Birżebbuga Local Council is registering a representation for PC 22/23 for the change in zoning of the site at Triq il-Qajjenza and Triq l-Għannejja, Birżebbuġa and to the establishment of building heights within the rationalisation site. The*

*application is proposing an increase of height allowance from the current three (3) storey limitation to a maximum of eight (8) storeys, including semi-basement and an increase of the current built-up footprint. This will certainly result in a negative visual impact to the predominantly residential buildings found at the western and north-western side of the site and the agricultural fields surrounding the area on the north and north-eastern sides. Considerations for the potential increased stress on vehicle parking spaces shall also be made.* Hawn il-kunsilliera preżenti saħqu li fil-Qajjenza m'hemm l-ebda proġett ambjentali u rikreattiv. Il-Kunsillier Alex Caruana talab sabiex f'dan il-proġett ikun hemm 20% żona rikreattiva u żieda fil-parkeġġ. Il-kunsilliera kollha preżenti qablu ma' din ir-rakkomandazzjoni. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li din is-sottomissjoni flimkien ma r-rakkomandazzjonijiet maqbula ser ikunu qed jiġu ppreżentati llum stess.

**71.10 Punti mressqa mis-Segretarju Eżekuttiv**

**71.10.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat qal li matul l-aħħar seduta ġie deċiż li tinħareġ is-sejħa għal foreman. Diġà ġibna l-permessi min-naħa tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali għal din is-sejħa u ntbagħtet internament lill-kunsilli kollha. Issa morna għat-tieni fażi, fejn applikajna mal-Jobsplus u qed nistennew li jibagħtu lista tan-nies li qed ifittxu impjieg minn Part 1 u Part 2. Hu ssuġġerixxa li llum jinħatar bord tal-għażla għall-intervisti. Wara diskussjoni libera, il-bord se jkun kompost mis-Sindku Scott Camilleri, is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat, il-Viċi Sindku Josette Busuttil, il-Kunsillier Alex Caruana, il-Contracts Manager Dr Alessia Psaila Zammit, u l-konsulent tal-intervisti Hugh Zammit. Il-kunsilliera preżenti approvaw dan il-bord.

**71.11 Quarterly Report (Jannar-Settembru 2023)**

**71.11.01** L-accountant tal-Kunsill is-Sinjura Doreen Mintoff ipparteċipat online sabiex tagħti spjegazzjoni dwar it-3rd quarterly report tas-sena 2023.

*Dħul:*

| | |
|---|---|
| Dħul mill-Gvern Ċentrali | € 684,165 |
| Dħul mill-permessi | € 35,728 |
| 10% administration fee tal-LESA | € 3,397 |
| Dħul ieħor | € 2,331 |

*Infiq:*

| | |
|---|---|
| Pagi u onorarji | € 188,602 |
| Infiq għall-operazzjoni u manutenzjoni | € 421,520 |
| Spejjeż amministrattivi | € 51,765 |
| Spejjeż kapitali | € 211,730 |
| Grants | € 33,750 |

Il-Financial Statement Indicator (FSI) tal-Kunsill huwa dak ta' 96%.

Il-quarterly report li jkopri Jannar u Settembru 2023 ġie approvat mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 71.12 Laqgħa Annwali (Estimi Finanzjarji għas-sena 2024)

**71.12.01** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat fakkar li, skont il-liġi, sal-15 ta' Diċembru trid issir il-laqgħa annwali li fiha jiġu diskussi l-estimi finanzjarji. Wara diskussjoni libera ġie maqbul li l-laqgħa annwali ssir it-Tlieta 5 ta' Diċembru, fil-17:00.

## 71.13 Multi-storey car park – Draft Operating Agreement

**71.13.01** Is-Sindku Scott Camilleri semma li kif qalilhom b'mod informali, min-naħa tal-Freeport ġie aċċettat. Issa qed jistenna d-data ta' meta se jiltaqa' mas-Segretarju Permanenti tal-Ekonomija sabiex ituh id-data tal-ftuħ ta' dan il-parkeġġ.

## 71.14 Traffiku, parkeġġ, utilitajiet u servizzi

**71.14.01** Is-Sindku Scott Camilleri qal li flimkien mal-Kunsillier Simon Buttigieg attenda għal-laqgħa mal-AKL minħabba skema tal-parkeġġi residenzjali. Se tkun qed issir laqgħa oħra bejnu u bejn il-Kunsillier Alex Caruana sabiex fis-seduta li jmiss itellgħu l-abbozz.

**71.14.02** Is-Sindku Scott Camilleri qal li fuq tal-crash barrier li baqa' ssir f'Ta' Karaġ, issa tkellem miegħu s-sid tal-propjetà, fejn dan qallu li bil-barrier il-vetturi ma jdurux. Hu talab lill-Kunsillier Alex Caruana sabiex imur u jara x'inhi sew il-problema.

**71.14.03** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar l-aċċident li kien hemm fil-jiem li għaddew fi Triq Għar Dalam. Sid l-għalqa ntalab ir-rapport tal-pulizija, iżda dawn ma ridux jgħaddu kopja tiegħu. Il-pulizija spjegawlu li l-MPT iridu jagħmlu tajjeb bl-insurance tagħhom. Hu se jkellem lill-MPT biex jgħidilhom li hu weħel min-naħa tal-għassa taż-Żejtun, u jistaqsi jekk jistgħux jagħtuh data ta' meta l-ħajt se jkun lest.

**71.14.04** Is-Sindku Scott Camilleri semma li fi Triq San Tumas hemm kwistjoni rigward parkeġġ li dejjem isir u jitneħħa wara ftit żmien. Hemm talba biex il-parkeġġ jibqa' imma jkun hemm road hump fl-aħħar tat-triq. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li t-talba tan-nies kienet li ssir waħda qabel. Wara diskussjoni, il-kunsilliera qablu li napplikaw għal tliet road humps. Il-Kunsillier Alex Caruana se jkun qed iħejji pjanta ta' fejn l-aħjar li jsiru.

**71.14.05** Il-Kunsillier Alex Caruana semma li kien hemm sitwazzjoni li ġewwa Triq il-Kostituzzjoni, kantuniera ma' Triq San Tumas, qed ikun hemm ħafna inċidenti tat-traffiku. Hu tal-parir li sabiex ma jkunx hemm ħafna ċaqliq fi Triq San Tumas, minn isfel tibqa' tiela' 'l fuq u min ikun ġej min-naħa tal-ġnien ma jistax jidħol fi Triq il-Kostituzzjoni, għalhekk ikun irid idawwar mal-ġnien.

**71.14.06** Is-Sindku Scott Camilleri tkellem dwar tliet talbiet li l-Kunsill irċieva mingħand Transport Malta rigward personalised disabled parking spaces. Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li l-perjodu sabiex nibagħtu r-rapport tal-Kunsill laħaq għadda. Il-kunsilliera preżenti qablu li jħallu f'idejn l-entità kkonċernata.

**71.14.07** Il-Kunsillier Alex Caruana qal li meta kellu d-dekasteru tat-trasport pubbliku, konna wasalna f'diskussjonijiet mal-Malta Public Transport sabiex kull kwarta tal-linja tidħol ġewwa l-Qajjenza. Huma kienu talbu li biex isir hekk, trid tinbidel id-direzzjoni ta' Triq Salvatore Cachia Zammit u wkoll ta' Triq iż-Żejtun. Għal din it-talba l-Kunsill ma

kienx qabel li tista' tiġi milqugħa, kif ukoll biex kull nofs siegħa tibda ddur waħda mar-roundabout ta' bejn it-triq li hemm Triq Tal-Ġebel u Triq Tal-Papa. Però issa minn meta nfetħet Triq Ta' Feliċjan tista' tibda ssir, u biex din tkun talterna mar-rotta ta' Tal-Papa kull kwarta. Minn dakinhar li dan id-dekasteru ma baqax f'idejn il-Kunsillier Alex Caruana sal-lum ma ġara xejn iżjed. Is-Sindku Scott Camilleri ħa jitlob li ssir laqgħa u li għaliha l-Kunsillier Alex Caruana offra li jattendi wkoll.

**71.14.08** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li rċeviet filmat dwar is-sitwazzjoni ta' Triq il-Port Ħieles, kantuniera ma' Triq San Franġisk Saverju. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda li din se ssir fit-30 ta' dan ix-xahar. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li waslet biex tinqala' Triq Santa Katarina sabiex jgħaddi cable tal-Enemalta.

**71.14.09** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet fiex waslet iż-zebra cross ta' quddiem il-Miracle Foods. Il-Kunsillier Alex Caruana rrisponda li din il-ġimgħa stess tkellem mal-perit sabiex jibgħatlu t-tpinġija tagħha.

**71.14.10** Is-Sindku Scott Camilleri mar jiċċekkja l-bozza ġewwa Triq Ta' Giligejla u qal li din s'issa għadha ma xegħlitx. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li minflok se ssir trinka, se ssir demarcation box u li jgħaddi cable.

**71.14.11** Is-Segretarju Eżekuttiv Jordy Brincat semma li ilu mis-17 t'Ottubru jibgħat lill-perit ta' Infrastructure Malta, li ħadmet fuq ix-xogħol fi Triq Birżebbuġa. Hu qed jitlob sabiex jingħata aġġornament dwar is-sitwazzjoni tat-triq u kif se nibqgħu sabiex isir xogħol aħjar. Kien dalgħodu, fit-08:30, meta rrispondietu u qaltlu li l-proċess għadu quddiem arbitraġġ u li s-smigħ tiegħu se jsir il-Ħamis 26 t'Ottubru 2023.

## 71.15 Proġetti u skemi

**71.15.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil staqsiet dwar il-bandli ta' Pretty Bay hekk kif it-tapit qed jitqatta' minħabba l-abbuż li kien qed isir fuq il-bandla għall-persuni b'diżabilità. Is-Sindku Scott Camilleri qal li l-apparat huwa ordnat minn barra u dan għandu jasal fil-ġimgħat li ġejjin. Ġie ssuġġerit li l-bandla għall-persuni b'diżabilità tiġi installata fil-ġnien ta' San Ġorġ.

## 71.16 Edukazzjoni, saħħa, indafa u ambjent

**71.16.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qalet li kellmuha rigward Triq il-Barrieri għaliex mhux jinġabar l-iskart. Hi semmiet ukoll li f'Misraħ is-Summit qed ikun hemm ħafna ħmieġ taħt l-iskips. Il-Kunsillier Alex Caruana qal li fi Pjazza Bengħajsa wkoll qed ikun hemm il-ħmieġ u ssuġġerixxa li ssir skip li tingħalaq.

## 71.17 Attivitajiet, kultura, żgħażagħ u sport

**71.17.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar l-attività tal-Milied ta' din is-sena. Din se tkun waħda limitata għaliex l-organizzaturi ma xtaqux li l-Kunsill Lokali jkun parteċipi f'Milied fil-Pjazza. Għalhekk il-Kunsill Lokali se jaħdem sabiex jorganizza attività hu bil-fondi miksuba mill-iskema tal-attivitajiet.

## 71.18 Affarijiet oħra

**71.18.01** Il-Viċi Sindku Josette Busuttil tkellmet dwar il-korrispondenza li l-Kunsill Lokali rċieva mingħand l-Għaqda Storja u Kultura Birżebbuġa dwar l-attività Lejla Mbaħħra. Il-Viċi Sindku Josette Busuttil qed titlob sabiex tagħmel laqgħa mar-rappreżentanti tal-għaqda.

## 71.19 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**71.19.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fit-20:00, wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 21 ta' Novembru 2023, fil-17:30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 21 ta' Novembru 2023.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ___________________________ |
| **Scott Camilleri** | **Jordy Brincat** |
| *Sindku* | *Segretarju Eżekuttiv* |